**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 95/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Matthew Vassallo**

**Josephine Lia**

**Lucas Vassallo**

**Louanna Vassallo**

Illum, it-3 ta' Ottubru 2023

Il Qorti:

Rat li l-Pulizija ressqet lil:

Matthew Vassallo, ta' 33 sena, iben Paul Vassallo u Josephine nee' Lia, mwieled fil-Pieta' fl-14 ta' Jannar 1986 u residenti gewwa Block C, Flat 6, Triq il-Pellegrinagg, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 89486M;

Josephine Lia, ta' 54 sena, bint Joseph Lia u Nancy xebba Johnson, imwielda fil-Pieta' fl-4 ta' Lulju, 1964, u residenti gewwa fond numru 25, Pheonix, Flat 2, Triq il-Vitorja, Isla, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 360164(M);

Lucas Vassallo, ta' 29 sena, bint Paul Vassallo u Josephine Lia, mwieled fil-Pieta' fl-24 ta' Dicembru, 1989, u residenti gewwa Block 2, 5, Triq 1-Arcisqof Mattei, Isla. Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 66590(M);

Louanna Vassallo, ta' 22 sena, bint Paul Vassallo u Josephine Lia, mwielda fil-Pieta' fil-15 ta' Ottubru, 1996, u residenti gewwa 25, Pheonix, Flat 2 Triq il-Vitoria, Isla. Detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 459996(M);

U akkuzathom talli:

Fl-20 ta' Novembru, 2018, ghall-habta ta' 12:30 ta' filghodu, gewwa l-Blata l-Bajda, Hamrun minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghdu l-hajja ta' haddiehor f' periklu car, bl-uzu wkoll ta' diversi oggetti iebsa u kif ukoll ta' strument li jaqta' u bil-ponta, kkagunajtu hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Joseph Grech, u cioe' feriti ta' natura gravi skond kif gie certifikat minn Dr. Louana Formosa M.D. (Reg.No: 3803) mill-lsptar Mater Dei, u/jew minn diversi tobba ohra;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirtu l-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

Matthew Vassallo wahdu gie ukoll akkuzat talli:

Fid-19 ta' Novembru, 2018, ghall-habta tal-10:30 ta' filghaxija, gewwa l-Belt Valletta minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu Car, bl-uzu wkoll ta' strument li jaqta' u bil-ponta, kkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Joseph Grech, u cioe' feriti ta' natura gravi skond kif gie certifikat minn Dr. Louana Formosa M.D. (Reg.No: 3803) mill-lsptar Mater Dei, u/jew minn diversi tobba ohra;

Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ngurjajt u heddidt lil Joseph Grech, liema ngurji u theddid mhux msemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kont ipprovokat, ingurjat b'mod li hrigt mill-limiti tal-provokazzjoni;

Fl-istess dati, u fl-imsemmija cirkostanzi, ksirt il-kondizzjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dott. Edwina Grima LL.D.) b'digriet datat 28 ta' Ottubru, 2013 li permezz tieghu nghatajt il-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma tikkommettix reat iehor ta' natura volontarja u kif ukoll taht depoiitu ta' hames mitt Ewro (€500) u garanzija personali ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).

Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija, tqis lill-imputati Matthew Vassallo, Josephine Lia u Lucas Vassallo bhala li saru recedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienu misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena stabbilita skond il-ligi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet li bih Matthew Vassallo nghata I-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tieghu. Kif ukoll tordna lis-sommom bhala depozitu u garanzija personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputati fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2019 ai termini ta' l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali, l-imputati kollha tennew li ma kienux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar l-4 ta' Lulju 2022 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[2]:

*Fir-rigward tal-imsemmi ko-imputati:*

*MATTHEW VASSALLO*

*JOSEPHINE LIA*

*LUCAS VASSALLO*

*LOUANNA VASSALLO*

*fl-artikoli 214, 215, 217, 218 (1) (a) (b), 218 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-artikoli 338 (dd), 7(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-artikoli 17, 18, 31, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Fir-rigward tal-imsemmi ko-imputat:*

*MATTHEW VASSALLO*

*fl-artikoli 214, 215, 217, 218 (1) (a) (b), 218 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-artikoli 338 (dd), 7(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-artikoli 339(1)(e), 7(2) tal-Kap*

[1] Folio 39-42 ta' l-atti processwali
[2] Folio 524-525 ta' l-atti processwali

*9 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-artikoli 579(1)(2)(3)(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-artikoli 17, 18, 31, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Fir-rigward tal-imsemmi ko-imputati:*

*MATTHEW VASSALLO*

*JOSEPHINE LIA*

*LUCAS VASSALLO*

*fl-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-artikoli 17, 18, 31, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li matul is-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputati kollha jekk kellhomx oggezzjoni li l-kax jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputati zmien xieraq biex iwiegbu ghal din il-mistoqsija, kollha wiegbu li m kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar l-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[4]

[3] Folio 528-529 ta' l-atti processwali.
[4] Folio 22-24 ta' l-atti processwali

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar l-24 ta' Jannar 2022.[5]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-7 ta' Frar 2023.[6]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna allegata aggressjoni da parti tal-imputat Matthew Vassallo fuq il-*parte civile* Joseph Grech, liema aggressjoni l-ewwel bdiet nhar id-19 ta' Novembru, 2018, ghall-habta tal-10:30 ta' filghaxija, fi Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta fir-residenza ta' konoxxenza komuni, Michelle Mangion, u

[5] Folio 528-529 ta' l-atti processwali

[6] Folio 569 ta' l-atti processwali

imbaghad kompliet fis-sieghat bikrin tal-ghada l-20 ta' Novembru, 2018, fi Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, meta allegatament l-istess Joseph Grech gie aggredit kemm mill-imputat Matthew Vassallo kif ukoll mill-ko-imputati l-ohrajn Josephine Lia, Lucas Vassallo u Louanna Vassallo li huma lkoll qraba ta' Matthew Vassallo. Rizultat ta' dan l-ahhar incident, Joseph Grech sofra griehi ta' natura gravi tant li ghamel xi hin fil-perikolu li jitlef hajtu.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2019 xehdet it-Tabib **Dr Luana Formosa**[7], adetta fl-Isptar Mater Dei. Ix-xhud esebit u ikkonfermat ic-certifikat mediku[8] u spjegat li hija kienet invistat lill-parte civile Joseph Grech nhar l-20 ta' Novembru 2018 ghall-habta tas-02:00hrs fl-Isptar Mater Dei. Il-griehi li hija kkonstatat kienu ta' natura gravi u apparti lacerazzjoni ma ras il-vittma vicin il-widna leminija u lacerazzjoni ohra fl-id il-leminija, minn *CT scan* irrizulta li kien hemm ksur tal-ghadma *ulna* tal-istess id .

[7] Fol. 43-48 tal-atti processwali
[8] Dok LF1, Folio 49 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehed l-Ispettur **Robert Vella**[9], stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal Qormi. Spjega li fl-20 ta' Novembru 2018 ghall-habta tan-00:30hrs, il-Pulizija mill-Ghassa tal-Hamrun irceviet rapport minn certu Philip Ghabi, li fi Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, kien hemm persuna ferut mal-art u xi dmija. Meta l-Pulizija marret fuq il-post, sabet lill-vittma, li kien il-parte civile Joseph Grech, li kien jidher ferut u kien miksi dmija. Grech qal li kien gie aggredit minn certu "Matthew" minn Bormla li kellu dizabilita` fis-sens li kien minghajr saqajn u persuni ohrajn li x'aktarx kienu familjari tieghu. Fi kliem Grech, huwa kien aggredit bi krozza, sikkina u xi oggetti iebsin ohra u li l-incident kien inqala' *"minhabba mara"*. Eventwalment, il-vittma ttiehed l-Isptar b'ambulanza u infethet inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa Dr Joseph Mifsud minhabba li f'dak il-punt, deher li l-vittma kien f'periklu li jitlef hajtu. Wara li inhareg mandat mill-Magistrat Mifsud, ix-xhud ipproceda biex jordna l-arrest tal-imputat Matthew Vassallo u ommu Josephine Vassallo mir-residenza taghhom f'Bormla. Meta gew mitkellma, l-imputati Vassallo ghazlu li ma jikkonsultawx ma avukat u Matthew Vassallo stqarr li verament kien inqala' incident ma Joseph Grech, izda li dan kien inqala' fi Strada Stretta, il-Belt, precizament fejn toqghod is-siehba ta' Matthew Vassallo, certu Michelle Mangion. F'dan l-incident, Vassallo kien allegatament aggredit minn Grech b'siggu. Minn ezami mediku li sar fuq Vassallo mit-Tabib Dr Joseph Saliba, irrizulta li kellu griehi hfief. Dwar dan l-incident, kellha tigi mitkellma Michelle Mangion mill-Ispettur Daryl Borg mill-Ghassa tal-Belt u gew elevati filmati CCTV minn kameras fl-

[9] Fol. 50-63 tal-atti processwali

akkwata. Minn naha tieghu, il-parte civile Joseph Grech ghazel li ma jitkellimx mal-Pulizija qabel ma jikkonsulta ma avukat, wara li gie mitkellem fuq l-incident ta' Strada Stretta. Ix-xhud kien tkellem ukoll ma Louana Vassallo, Jurgen Vassallo u Paul Vassallo, familjari ta' Matthew Vassallo u Josephine Vassallo, li lkoll stqarru li ma kellhom l-ebda involviment fil-fatti relevanti. Josephine Vassallo ukoll stqarret li ma kellha xejn x'taqsam mal-incidenzi. Michelle Mangion, mill-banda l-ohra, ikkonfermat li kien inqala' argument bejn Joseph Grech u s-sieheb taghha Matthew Vassallo fir-residenza taghha u li Matthew Vassallo u li wara dan l-incident, Matthew Vassallo kien telaq minn fuq il-post u ma tafx fejn mar. Meta rega' gie mitkellem, Matthew Vassallo baqa' jsostni li ma kellu x'jaqsam xejn mal-indicent tal-Blata l-Bajda u fl-ahhar, il-parte civile Joseph Grech ukoll ta l-verzjoni tieghu, fejn sostna li fl-appartament ta' Michelle Mangion, huwa kien gie aggredit minn Matthew Vassallo b'sikkina u kien ghalhekk li huwa beda jirrezistih b'siggu. Immedjatament wara li telaq mill-Belt bil-mixi, hekk kif wasal fil-Blata l-Bajda, avvicinatu vettura tat-tip Mitsubishi Pajero u minnha nizlu erba persuni, fosthom Matthew Vassallo, li aggredewh. Eventwalment, Grech kien irnexxielu jidentifika lill-aggressuri kollha minn fuq ritratti minn Facebook[10]. Dawn kienu Matthew Vassallo, Josephine Vassallo, Lucas Vassallo u Louana Vassallo. Ghalhekk, kien gie mitkellem ukoll Lucas Vassallo li bhall-qraba l-ohrajn tieghu, innega li kellu xi involviment. In kontro-ezami, ix-xhud sostna li skont informazzjoni li ghandu hu, *a tempo vergine* l-parte civile kien identifika biss lil

[10] Fol. 64 tal-atti processwali.

Matthew Vassallo u ommu Josephine Vassallo u ressaq lill-Louanna Vassallo ukoll minhabba li l-parte civile kien baqa' jinsisti li hija ukoll kienet involuta wara li identifikaha permezz ta' ritratti. Illi minn dawn ir-ritratti[11] jirrizulta d-dehra ta' l-erba' imputati kollha. Fuq wara ta' wiehed mir-ritratti hemm kitba u dikjarazzjoni miktuba minn Joseph Grech stess bil-girma tieghu li saret nhar is-7 ta' Frar 2019. F'din id-dikjarazzjoni jindika permezz ta' ittra 'X' l-erba' aggressuri tieghu li huma l-imputati kollha.

Ix-xhud ipprezenta wkoll l-okkorrenza ta' l-incident li ggib in-numru NPS 7/P/53872018.[12] Minn din il-okkorenza jirrizulta li l-incident sehh nhar il-20 ta' Novembru 2018 gewwa l-Hamrun faccata n-negozju tal-Peugeot fi Triq Nazzjonali. Illi fuq il-post kien hemm certu Joseph Grech li kellu jittiehed permezz ta' ambulanza gewwa l-isptar Mater Dei. Minn dan ir-rapport irrizulta li l-vittma stqarr ma PS1236

*"illi huwa kien mixi fil-vicinanzi tal-istage fejn minnufih wasal van blu u nizel minnhu certu Matthew ta' Bormal certu wiehed illi ghandu dizabilita fizika u li kien hu flimkien ma' ommu u tnejn ohra membri tal-familja tieghu illi kienu tawh daqqiet b'kanna, krozza u mus b'konsegwenza illi hallewh midrub hemmek."*[13]

---

[11] Dok RV1, Folio 64 ta' l-atti processwali
[12] Dok RV2, Folio 65-70 ta' l-atti processwali
[13] Folio 67 ta' l-atti processwali

Peress li l-vittma kien f'mument minnhom fil-periklu tal-mewt il-Magistrat ta' l-Ghassa Dr. Joseph Mifsud fetah inkjesta fejn hatar diversi esperti sabiex jippreservaw il-provi.

Illi skont l-istess rapport meta gie arrestat l-imputat Matthew Vassallo, wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu, u stqarr mal-pulizija *"illi kien huwa illi sefa aggredit u mhux bil-kontra."*[14]

Irrizulta wkoll li kemm l-imputat Matthew Vassallo u l-parte civile kienu ghand certa Michelle Mangion qabel ma sehh l-incident u li t-tnejn ikkunsidraw bhala s-siehba taghhom.

Skond l-istess rapport meta Matthew Vassallo ittiehed ghal-kura gewwa c-centru tas-sahha l-Mosta beda jistqarr li kien gie aggrediet minn Joseph Grech u garrab xi griehi f'idjeh ta' xellug u konsegwentament gie ccertifikat li kien qed issofri minn griehi ta' natura hafifa.

Meta l-imputat Matthew Vassallo gie mitkellem hemm indikat fir-rapport li hu stqarr li meta kien ghand Michelle Mangion gie Joseph Grech li beda jheddu bi kliem li kien ser joqtlu u minnufih qabad siggu u beda ittih.

Fl-istess rapport hemm indikat li gie mitkellem l-imputat Jurgen Vassallo. Illi wara li Jurgen Vassallo inghata d-drittijiet kollha tiehgu informa l-pulizija li

[14] Folio 67 ta' l-atti processwali

huwa ghamel il-lejl kollu d-dar ma missieru Paul, li akkumpanjah, ghaliex ma kienx jiflah. Ikkonferma wkoll li hu ma jsuqx u qatt ma applika ghal licenzja.

Fl-istess rapport hemm indikat ukoll li giet mitkellma Michelle Mangion. Skont il-verzjoni taghha, dakinnhar kienet id-dar flimkien ma l-imputat Matthew Vassallo u t-tfal. Matthew Vassallo beda jghajjat u joffendi lil Joseph Grech ghaliex haseb li Grech kellu xi interess fiha. Illi Grech telaq mill-appartament u ma gara xejn iktar.

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2019 xehed il-parte civile **Joseph Grech**[15]. Spjega li fil-lejl in kwistjoni ghall-habta tal-23:00hrs huwa kien fir-residenza ta' Michelle Mangion, li hija habiba tieghu, fi Triq id-Dejqa, Il-Belt, meta fid-daqqa u l-hin l-imputat Matthew Vassallo qabad jghajjat minn gewwa r-residenza u eventwalment hebb ghalih b'sikkina fejn laqtu f'siequ. Minn naha tieghu, il-parte civile irrezista lil Vassallo b'siggu imma innega li kien "sawwtu". Wara dan baqa' niezel mill-appartament u qabad hiereg 'il barra mill-Belt bil-pass. Hekk kif wasal Blata l-Bajda, waqfet hdejh vettura Pajero blu u hareg ghalih wiehed li in kontro-ezami huwa identifika bhala hu Lucas Vassallo b'hadida kbira f'idu, kif ukoll zewg nisa li huwa identifika bhala l-imputati Louanna Vassallo u Josephine Vassallo u aggredewh bil-qawwa tant li spicca b'idu miksura u f'periklu tal-mewt u eventwalment gie operat minhabba l-ksur li sofra. Stqarr li waqt l-attakk kien intilef minn sensih bil-qawwa tas-swat li

[15] Fol. 155-160 tal-atti processwali.

qala'. Identifika b'certezza lill-erba imputati fl-awla b'referenza ghar-ritratti ezebiti a Fol. 64 tal-atti.

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020 xehed **PS 1236 Joseph Gatt**[16], stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Marsa. Spjega li ghall-habta tan-00:30hrs tal-20 ta' Novembru 2020 huwa kien irrisponda ghar-rapport dwar l-incident tal-Blata l-Bajda. Meta mar fuq il-post sab ragel mitluq mal-art f'roqgha demm u ragel iehor qedd jassitih. Irrizulta li l-ferut kien il-parte civile Joseph Grech, li ghalkemm fi stat hazin, irnexxielu jispjega li kien gie aggredit minn "Matthew minn Bormla" flimkien ma "ommu u zewg familjari" ohrajn, fejn kienu aggredewh b'hadida, mus u krozza. Ix-xhud ikkonferma ukoll ir-rapport dwar l-okkorrenza.

Fl-istess sseduta xehdet **Doris Vella Cassia**[17], mill-amministrazzjoni tal-Isptar Mater Dei, li pprezentat il-fajl mediku relattiv ghall-parte civile Joseph Grech.[18]

Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2020 xehdu l-esperti **Dr Mario Scerri**[19] u **Dr Martin Bajada**[20], esperti mahtura fil-mori tal-Inkjesta in genere dwar l-akkadut in ezami. Dr Martin Bajada halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu.[21]

[16] Fol. 175-182 tal-atti processwali.
[17] Fol. 181-182 tal-atti processwali.
[18] Dok DVC1, Folio 183 ta' l-atti processwali
[19] Fol. 194-195 tal-atti processwali.
[20] Fol. 197-198 tal-atti processwali.
[21] Dok MB1, Folio 200 ta' l-atti processwali

Illi mir-rapport ta' l-espert jirrizulta li kien hemm mesaggi bejn April 2018 sa Gunju 2018 li ma humiex relevanti ma dan il-kaz jew il-perjodu ta' zmien.

Illi minn l-istill ta' CCTV footage li gew elevati ma jirrizultax li kien hemm still li juru l-allegat incident jew xi persuni li jidru b'mod car.

Fl-istess seduta xehed **PC 1469 Emerson Borg**[22] li kkonferma li huwa kien hadem fuq ir-rapport ufficjali dwar l-incident mertu tal-proceduri, li huwa ezebit a folio 65 tal-atti.

Fl-istess seduta xehed bil-lingwa Ingliza **Philip Gabi**[23] li spjega li waqt li kien miexi fil-Blata l-Bajda fil-lejl in ezami, kien sab ragel mitluq mal-art bid-dmija u meta staqsieh x'kien gralu, dan qal li "*I had an accident*" u biex jassisti, cempel lill-Pulizija.

Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2020 xehed l-Ispettur **Malcolm Bondin**[24], stazzjonat CID, li b'referenza ghad-dokument a folio 89 tal-atti spjega li dawn huwa l-kondizzjonijiet tal-liberta` kondizzjonata li inghataw lill-imputat Matthew Vassallo.

---

[22] Fol. 201-203 tal-atti processwali.
[23] Fol. 204-207 tal-atti processwali.
[24] Fol. 215-216 tal-atti processwali.

Fl-istess seduta xehdet **WPS 145 Graziella Zammit**[25], stazzjonata fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat. Ikkonfermat li fl-20 ta' Novembru 2018 hija kienet accediet fl-Isptar Mater Dei biex tara l-kundizzjoni tal-parte civile Joseph Grech.

Ghalkemm giet infurmata li dan kien fil-perikolu tal-mewt, kien irnexxielu jghidilha li kien safa aggredit minn *"certu Matthew Vassallo u xi membri ohrajn tal-familja"*. Wara dan, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Robert Vella, ezegwiet l-arrest ta' Matthew Vassallo u Josephine mir-residenza taghhom f'Bormla. Tiftakar li meta sabet lill-Matthew Vassallo, dan kellu hwejgu mcappsa bid-demm u kien beda jghid li kien hu l-vittma tal-aggressjoni. Ix-xhud identifikat lil dawn iz-zewg persuni fl-awla.

Ix-xhud esebiet kopja tar-rapport bin-numru NPS 7/P/5387/2018 li gie ikkonfermat u iffirmat minnha stess.[26]

Fl-istess seduta xehdet **Michelle Mangion**[27], is-siehba tal-imputat Matthew Vassallo u li mieghu ghandha tlett itfal. Il-parte civile Joseph Grech jigi kugin ta' missierha. Spjegat kif fil-lejl in ezami, dan Joseph Grech kien mar id-dar taghha biex ikellimha dwar it-tifla tieghu, minhabba li kienet hbieb mat-tifla tax-xhud u kienu tampar xulxin. Taf li kien sehh argument verbali bejn is-sieheb taghha u Grech hdejn il-bieb tal-komun tal-binja wara li Grech qallu biex ma jindahalx u ghajjru "*nofs bniedem*". Hija telghat torqod ghax kienet ghajjiena u kellha erba xhur tqala u allura ma rat xejn jigri. Matthew Vassallo kien qalilha

[25] Fol. 217-221 tal-atti processwali.
[26] Dok GZ1, Folio 224-227 ta' l-atti processwali
[27] Fol. 228-241 tal-atti processwali.

li Joseph Grech kien hebb ghalih b'siggu. Taf li l-karozza li kien qed juza s-sieheb taghha kienet Toyota ta' lewn ahmar. Ikkonfermat li eventwalment, Joseph Grech kien cemplilha u informaha li kien spicca l-Isptar wara li "*Matthew tah xebgha*".[28]

Fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2020 xehed l-**Ispettur Daryl Borg**[29], stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt, li kkonferma li r-rapport dwar l-incident tal-Blata l-Bajda kien originarjament ittiehed mill-Ghassa tal-Belt izda dan imbaghad gie mghoddi lill-Ghassa tal-Hamrun minhabba li z-zona taqa' fid-distrett tal-Hamrun. Mill-banda l-ohra, spjega li l-Pulizija mill-Ghassa tal-Belt kienu ghamlu investigazzjonijiet dwar l-incident ta' Strada Stretta, senjatament gbir ta' filmati CCTV.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tal-10 ta' Dicembru[30] fejn spjega li l-Pulizija mill-Ghassa tal-Belt kienu ghamlu investigazzjonijiet dwar l-incident ta' Strada Stretta, senjatament gbir ta' filmati CCTV u minn naha tieghu, kien ha stqarrija tal-imputat Matthew Vassallo nhar l-20 ta' Novembru 2018 fil-prezenza ta' PC 147 Christian Zammit. L-imputat kien ikkonceda li kien hemm argument mal-parte civile Joseph Grech fi Triq id-Dejqa, biss iccara li dan kien biss verbali u ma kienx hemm griehi. L-imputat Matthew Vassallo kien ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija.

[28] Folio 235 ta' l-atti processwali
[29] Fol. 250 tal-atti processwali.
[30] Fol. 333-339 tal-atti processwali.

Fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2020 xehdet **Maria Pia Grech**[31], bint il-parte civile Joseph Grech. Spjegat li hija saret taf li missierha kellu "*accident*" l-"*ghada filghodu*", u cioe` aktar tard fil-jum li fih gie allegatament gie aggredit. Meta marret l-Isptar sabitu mitluf minn sensih u kien wara li sahansitra kien gie operat u kien beda jistejqer li hija saret taf li missierha kellu argument ma "*Matthew, Luca u ommu u ohtu*". Hija ma kienet prezenti ghall-ebda mill-incidenti relevanti, biss b'referenza ghall-email ezebita a Fol. 262, tispjega li batitha ghan-nom ta' missierha wara li dan allegatament kien gie mhedded minn Lucas Vassallo f'kazin fil-Gudja nhar il-15 ta' April 2019. In kontro-ezami spjegat li mid-dar taghhom, vicin il-kazin, hija kienet rat karozza griza b'erba persuni fiha biss ma setghatx tidentifika la lilhom u lanqas in-numru ta' registrazzjoni tal-karozza ghax skont ma qalet, ma tarx mill-boghod.

Fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2020 xehed **PC 57 Matthew Buhagiar**[32], stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat. Spjega li fl-20 ta' Novembru 2018 ghall-habta tas-01:00hrs gie msejjah sabiex jassisti minn PS 1236 in segwitu tal-incidenza ta' Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda fejn fil-fatt, flimkien ma WPS 125 accedew fl-Isptar Mater Dei u kellmu lill-parte civile Joseph Grech, li identifika lill-imputat Matthew Vassallo bhala l-aggressur, biss madankollu, minhabba l-kundizzjoni ta' Grech f'dak il-hin, ma kienx idoneju li jigi mitkellem ulterjorment. Imbaghad, l-Ispettur Robert Vella ta struzzjoni sabiex imorru fir-residenza tal-imputat Matthew Vassallo. Eventwalment Vassallo gie arrestat wara li gie

[31] Fol. 251-260 tal-atti processwali.
[32] Fol. 270-284 tal-atti processwali.

moghti s-soliti drittijiet izda tfittxija fir-residenza tieghu ghall-oggetti li jistghu jghinu fl-investigazzjoni sfat fin-negattiv. In kontro ezami, ix-xhud iccara li l-parte civile kien fil-fatt indika li l-imputat Matthew Vassallo kien akkumpanjat minn persuni ohrajn waqt l-attakk fuqu.

Fl-istess seduta xehed **PC 355 Charlo Chircop**[33], stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta. Ix-xhud spjega li kien inghata struzzjonijiet mill-Ispettur Daryl Borg sabiex flimkien ma PC 626 jevalwa l-akkwata ta' 219, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta sabiex jigu rintraccjati kameras CCTV fejn fil-fatt, dan kien irrizulta fil-pozittiv. Kien tkellem ukoll ma Michelle Mangion, is-siehba tal-imputat Matthew Vassallo li kienet ikkonfermat li kien hemm argument bejn is-sieheb taghha u l-parte civile Joseph Grech, maghruf bhala "iz-Zinanna" u ziedet li wara dan l-argument, is-sieheb taghha kien telaq minn fuq il-post u ma tafx fejn kien mar ghax hi marret torqod. Ix-xhud ikkonferma r-rapport relattiv in atti.

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2020 xehed bil-lingwa Ingliza it-Tabib **Dr Patrick Huhn**[34], adett fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana. Spjega li kien invista lill-imputat Matthew Vassallo fl-20 ta' Novembru 2018 ghall-habta tal-04:00hrs fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana. Vassallo kien stqarr max-xhud li kien involut fi glieda u fil-fatt kellu nefha fid-driegh xellug, li Vassallo spjega bhala li kienet kagunata minn daqqa ta' hadida. Kellu ukoll tbengila fuq mohhu. Ix-xhud

[33] Fol. 289-297 tal-atti processwali.
[34] Fol. 309-313 tal-atti processwali.

ikkonferma l-korrettezza tac-certifikat redatt minnu li huwa ezebit a Fol. 314 tal-atti.[35]

Fl-istess seduta xehed ukoll it-Tabib **Dr Joseph Saliba**[36], li fiz-zmien relevanti kien jipprattika fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. B'referenza ghac-certifikat ezebit a Fol. 319[37], ikkonferma li wara ezamijiet permezz tal-X-Ray li saru fuq l-imputat Matthew Vassallo, ma kienx irrizulta li kien hemm xi ksur fid-driegh xellugi tieghu.

Fl-istess seduta xehed **PC 626 Gian Carlo Benetti**[38], stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, li pprezenta kopja tar-rapport dwar l-incidenzi in ezami, li gie ezebit a Fol. 322 et seq tal-atti.

Fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2020 xehdet **Dr Marisa Cassar**[39], esperta mahtura fl-inkjesta sabiex tanalizza kampjuni tad-DNA. Hija halfet u pprezentat ir-relazzjoni taghha.[40] Illi mir-rapport taghha rrizulta li hadet kampjuni u ghamlet ezamijiet ta' oggetti li jappartjenu kemm lill-imputat Matthew Vassallo kif ukoll lill Joseph Grech. Illi mil-kampjuni tad-DNA li ghamlet hargu profil genetiku tal-istess ragel.

---

[35] Dok DH1
[36] Fol. 315-317 tal-atti processwali.
[37] Dok JS1
[38] Fol. 320-321 tal-atti processwali.
[39] Fol. 343-345 tal-atti processwali.
[40] Dok MC1, Folio 346-354 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 gie prodott **Paul Vassallo**[41], ir-ragel tal-imputata Josephine Lia u missier l-imputati l-ohrajn. Huwa ddikjara li ma jixtieqx li jixhed stante r-rabta familjari izda informa li ibnu l-iehor, Jurgen Vassallo ibati minn problema ta' sahha mentali u ipprezenta certifikat mediku li jikkonferma dan.

Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2021 xehdet **Maria Dolores Fenech**[42], Assistent Registratur Qrati Kriminali, li nfurmat li ma kienx hemm appelli intavolati mill-imputat Matthew Vassallo minn sentenzi moghtija kontra tieghu.

Fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2021 xehdet **L-Ispettur Christabelle Chetcuti** li pprezenta vera kopja tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza l-Pulizija vs Alistair Camilleri omissis.[43]

Fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2021 xehed **Zven Mangion**[44]. Huwa gharaf lill-imputati fl-awla u spjega li l-imputat Matthew Vassallo kien is-sieheb ta' ommu Michelle Mangion. Sahaq li ma jaf xejn dwar l-incidenzi in kwistjoni ghajr li meta "*gew il-Pulizija*" kien flimkien mal-imputat Matthew Vassallo fid-dar ta' missieru Pawlu f'Bormla.

Ix-xhud rega' ha l-pedana waqt is-seduta tas-6 ta' Jannar 2022[45]. B'zieda ma dak li xehed fis-seduta precedenti, stqarr li kien ilu fid-dar ta' Pawlu Vassallo

[41] Fol. 362-368 tal-atti processwali.
[42] Fol. 425-426 tal-atti processwali.
[43] Dok CC1, Folio 438-445 ta' l-atti processwali
[44] Fol. 449-457 tal-atti processwali.
[45] Fol. 460-469 tal-atti processwali.

minn qabel filghaxija u kienet wasslitu ommu bil-karozza. Mar hemm biex tghin lil Vassallo minhabba li dan kien mugugh. Ma kienx jaf jekk l-imputat Matthew Vassallo baqghax fid-dar il-hin kollu minhabba li kien mar jorqod. Jaf li kienu gew tlieta jew erbgha Pulizija ghal Matthew Vassallo u dawn bdew jghidu li qed jarrestawh minhabba xi glieda. Mistoqsi jekk jafx x'karozzi kien juza Matthew Vassallo, ix-xhud semma BMW ta' lewn griz kif ukoll Toyota Vitz tal-lewn ahmar.

Fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2022 xehedet bil-gurmanet **Stephania Calafato Testa** bhala Assistant Registratur fil-Qrati u Tribunali Kriminali li pprezentat sentenza Pulizija vs Alistair Camilleri u Matthew Vassallo moghtija mill-Magistrat Jacqueline Padovani nhar is-16 ta' Settembru 2010.[46]

Fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2022 xehed it-Tabib **Dr Mario Scerri**[47], espert mahtur fl-inkjesta, li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu[48]. Spjega li kien ezamina lill-parte civile Joseph Grech u sab li dan kellu griehi ta' natura hafifa konsistenti abbrazjonijiet izda kellu ukoll frattura fl-ghadma tal-id li kien klassifikata bhala gravi per durata.

Fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2023 xehdet l-imputata **Louanna Vassallo**[49] li spjegat li fil-jum tal-allegat incident hija kienet qattghet il-gurnata flimkien mas-siehba taghha Isabel Debono fid-dar taghhom fl-Imqabba u kienet bis-*sick*

[46] Dok SCT1, Folio 487-503 ta' l-atti processwali
[47] Fol. 504-508 tal-atti processwali.
[48] Dok MSX1, Folio 509-522 ta' l-atti processwali
[49] Fol. 536-549 tal-atti processwali.

*leave* minhabba li kella virus tal-istonku. Cahdet bil-qawwa li kienet b'xi mod involuta.

Fl-istess seduta xehdet l-imputata **Josephine Lia**[50] li stqarret li fil-hin tal-allegat incident hija kienet qieghda d-dar mat-tifla taghhna Jazmine ta' ghaxar snin u n-neputi Dimitris ta' hames snin. F'daqqa u l-hin, waqt li kienu reqdin marru zewg Pulizija u qalulha li trid tmur maghhom. Innegat li kellha xi involviment fl-incidenza mertu tal-kaz.

Fl-istess seduta xehed l-imputat **Lucas Vassallo**[51] li l-istess bhaz-zewg imputati l-ohrajn li xehdu, stqarr li ma kellu l-ebda involviment fl-incidenza mertu tal-kaz u li fil-hinijiet relevanti kien rieqed mat-flajla li kellu f'dak iz-zmien, certu Gizelle Mangion mill-Furjana.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-ewwel stqarrija[52] ta' l-imputat Matthew Vassallo ittiehdet nhar il-20 ta' Novembru 2018 fl-ufficju ta' l-Ispettur Daryl Borg fil-prezenza ta' PC 147 Christian Zammit u dan wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni, fejn fil-fatt, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt.

---

[50] Fol. 550-558 tal-atti processwali.
[51] Fol. 559-568 tal-atti processwali.
[52] Dok RV4, Fol.72-74 ta' l-atti processwali

Illi l-imputat ghazel li iwiegeb ghad-domandi li sarulu u ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu. Fl-istqarrija jikkonferma li Michelle Mangion hija t-tfajla tieghu u ghandhom tarbija flimkien. Fl-istess stqarrija jghid li ghal habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghaxija gie xi hadd ihabbat il-bieb li kellu l-laqam 'iz-zinnana' u dan beda jghajjat u jheddu li ser jaharqu haj u jaghmillu bomba. Spiccaw jargumentaw u dan il-persuna qabad siggu u beda jxejjru fid-direzzjoni tieghu. Wara dan l-incident rega dahal gewwa d-dar tieghu l-Bormla ghax beda jinkwieta li ser jerga' jigi ghalih.

L-imputat innega li wara li telaq minnghand it-tfajla tieghu mar ifittex lill-parte civile u li aggredih.

Illi t-tieni stqarrtija tieghu ittiehdet nhar il-21 ta' Novembru 2028 fl-ufficju ta' l-Ispettur Robert Vella fil-prezenza ta' 991 Alexander Gauci u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni, fejn fil-fatt, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt.[53]

Illi l-imputat wiegeb ghad-domandi maghmula lilu, fejn filwaqt li kkonferma li kien hemm argument minuri mal-parte civile Joseph Grech fi Triq id-Dejqa, Valletta, innega li kien involut b'xi mod f'xi atti ta' aggressjoni lejh fil-Blata l-Bajda. Illi dakinnhar ta' l-incident kien qed jaghmel uzu minn van tal-ghamla Mitsubishi. Dakinnhar kien sab *lift* biex imur sad-dar ta' Michelle Mangion.

---

[53] Dok RV3, Fol 71 ta' l-atti processwali

Ghar-rigward il-glied li sehhet ma Joseph Grech, l-imputat Matthew Vassallo jinnega li ohtu kienet b'xi mod involuta. Dwar il-glied u spjega:

*"Jien kelli argument fejn il-flat ta' Michelle, imbaghad ghaddew erba' guvintur u zammewh u beda jillatika maghhom. Lili beda jheddidni li se jaghmilli bomba u li se joqtolni u ghalhekk tlaqt id-dar.*

*Kien hu li beda jxejjirli bis-siggu. Xhin heddidnili se jerga jigi, jien qbadt u tlaqt l' hemm.*

*Jien li argumentajt miegu huwa Strada Stretta biss u jien kont wahdi."*[54]

L-istqarrija[55] ta' l-imputata Josephine Lia bdiet tittiehed fl-20 ta' Novembru 2018 fl-ufficcju tal-Ispettur Robert Vella fil-prezenza ta' WPC 87 Stefania Spiteri, biss li din giet sospiza u tkompliet l-ghada, il-21 ta' Novembru fil-prezenza ta' WPC 179 Raisa Farrugia[56]. L-imputata ghazlet li ma tezercitax id-dritt ghall-assistenza legali u sahqet illi fil-hinijiet relevanti kienet fid-dar taghha rieqda.

*"Jiena meta gew il-Pulizija d-dar rieqda kont. Jien wara li gbart it-tfal mill-iskola fis-2.30 ta' wara nofsinhar tat-Tnejn li ghadda, lanqas biss hrigt wicci l'barra mid-dar. Mad-9.00 kont diga' fis-sodda.*[57]

L-imputata identifikat ukoll il-vetturi li jintuzaw mit-tfal taghha, il-ko-imputati.[58] L-imuptat innegat ukoll li kienet taf il-parte civile Joseph Grech.

---

[54] Folio 73 ta' l-atti processwali
[55] Fol.76-77 ta' l-atti processwali
[56] Fol.78-80 ta' l-atti processwali
[57] Folio 79 ta' l-atti processwali
[58] Dok RV5, Folio 75 ta' l-atti processwali

L-istqarrija[59] ta' l-imputata Louanna Vassallo ittiehdet fl-20 ta' Novembru 2018 fl-ufficcju tal-Ispettur Robert Vella fil-prezenza ta' PC 580 Ishmael Mercieca[60]. L-imputata ghazlet li ma tezercitax id-dritt ghall-assistenza legali[61] u sahqet illi fil-hinijiet relevanti kienet fid-dar taghha fl-Imqabba minhabba li kienet bis-*sick leave* filwaqt li nnegat li b'xi mod kienet involuta f'xi argument li sehh gewwa l-Blata l-Bajda.

L-istqarrija[62] ta' l-imputat Lucas Vassallo ittiehdet fil-5 ta' Frar 2019 fl-ufficcju tal-Ispettur Robert Vella fil-prezenza ta' PS 991 Alexander Gauci. L-imputat ghazel li ma jezercitax id-dritt ghall-assistenza legali[63] u sahaq li fil-hinijiet kien id-dar rieqed minhabba li filghodu jqum kmieni ghax-xoghol.

*"Zgur li kont id-dar rieqed ghax jien fil-5.00 ta' filghodu nitlaq ghax-xoghol. Normalment fl-10.00 inkun qieghed rieqed."*[64]

Spejga li hu u huh Matthew Vassallo ma jmorrux tajjeb ma xulxin tant li gieli kien hemm rapporti u proceduri bejniethom ukoll.

---

[59] Fol.82-84 ta' l-atti processwali
[60] Fol.78-80 ta' l-atti processwali
[61] Dok RV8, Folio 81 ta' l-atti processwali
[62] Fol.76-77 ta' l-atti processwali
[63] Dok RV10, Folio 85 ta' l-atti processwali
[64] Folio 87 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Il-parte civile Joseph Grech fuq il-post ta' l-incident kien ma l-ewwel indika u semma lil Matthew Vassallo bhala l-persuna li mieghu kellu l-ewwel inkontru u glieda in kwistjoni. Illi ma jirrizultax li kien hemm dubju da parti tal-parte civile li l-persuna principali involut fix-xeba li qala kien l-imputat Matthew Vassallo. Mix-xhieda tal-vittma, jirrizulta li l-persuna l-ohra, li skont hu kienu involuti rrizultaw wara.

Illi mill-istqarrija ta' l-imputat Matthew Vassallo jirrizulta li fil-fatt dak il-lejl in kwistjoni verament kellu kwistjoni ma Joseph Grech gewwa Triq Strada Stretta li kienet vjolenti. Filwaqt li l-imputat jghid li kienu involuti guvintur ohra, jistqarr li hadd mil-familja tieghu ma kellu involviment.

**Proces verbal**

Illi nhar it-18 ta' Marzu 2019 gie maghluq inkjesta redatt mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D dwar persuna ta' sess maskili li instabet feruta gewwa Triq Nazzjonali l-Hamrun skont rapport tal-pulizija datat 20 ta'Novembru 2018.[65]

Illi mill-inkjesta rrizulta li wara li sar rapport verbali mill-Ispettur Robert Vella, il-Magistrat Inkwirenti gie infurmat illi kien hemm persuna ta' sess maskili li kienet instabet feruta gewwa l-Hamrun u wara l-appositu digriet innominat

[65] Folio 95-146 ta' l-atti processwali

sabiex jassisti lill-imsemmis Spettur tal-Pulizija lil Dr. Mario Scerri, Dr. Martin Bajada, Dr. Marisa Cassa u PS 826 Matthew Parnis u WPC 363 Caroline Meilak.

Illi mill-istharrig tal-pulizija irrizulta li Triq Nazzjonali, l-Hamrun kien hemm persuna feruta bl-isem ta' Joseph Grech li kien mixhut fl-art u li kien qed isofri minn diversi griehi. Illi sakemm il-vittma gie rikoverat l-isptar, il-vittma informah li kien gie aggredit minn certu Matthew minn Bormla u li huwa ddeskriva bhala persuna minghajr saqajn. Illi flimkien ma dan Matthew kien hemm ukoll omm Matthew u zewg persuni ohra li skont hu wisq probabbli kienu xi qraba ta' Matthew ukoll. Huwa zied jghid li dawn kienu attakkawh b'oggetti iebsin u b'mus.

Illi bhala parti mill-konkluzjoni ta' l-istess inkjesta gie stabbilit illi zewg persuni involuti f'dan l-incident kienu Matthew Vassallo u ommu Josephine Lia.

Illi mir-rapport ta' WPC 363 Caroline Meilak u PS 826 Matthew Parnis[66] irrizulta li gew elevati diversi oggetti u provi kif ukoll ritratti tax-xena ta' l-incident. L-istess esperti elevaw ukoll oggetti u hwejjeg minn fuq il-persuna tal-vittma.

Illi minn dawn ir-ritratti u oggetti elevati kien hemm bicciet ta' pajp ta' lewn abjad, parti ta' isfel ta' krozza u parti ta' fuq ta' krozza.[67] Ingabru wkoll

[66] Folio 107-143 ta' l-atti processwali
[67] Folio 121 ta' l-atti processwali

kampjuni tad-demm minn ma l-art[68] u ittiehdu ritratti ta' l-imputat Matthew Vassallo u hwejjgu li kellhom ticpis ta' lewn hamrani.

Illi mill-inkjesta jirrizulta li kienet verament grat glieda u mir-ritratti tax-xena ta' l-incident jirrizulta li kien hemm krozza miksura, li huma oggetti uzat mill-istess imputat Matthew Vassallo li ghandhom problemi ta' mobilta. Illi minn dawn ir-ritratti jirrizulta li din il-krozza kienet miksura f'diversi partijiet u kienet instabet ezatt fl-istess post fejn safa aggrediet Joseph Grech.

Mir-rapport ta' l-espert Marisa Cassar jirrizulta wkoll li d-DNA fuq il-hwejjeg tal-vittma Joseph Grech kif ukoll ta' l-imputat Matthew Vassallo kienu ta' l-istess persuna. Illi dawn il-hwejjeg li kellhom dmija fuqhom kienu gew elevati minn ghand it-tnejn meta kien sehh l-incident.

Mir-rapport tat-tabib Dr. Mario Scerri jirrizulta li l-offiza hija ta' natura gravi per durata.[69]

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Matthew Vassallo fl-ewwel hames imputazzjonijiet dedotti kontrih.

---

[68] Folio 125 ta' l-atti processwali

[69] Folio 521 ta' l-atti processwali

Illi ghar-rigward l-imputat Josephine Lia, Lucas Vassallo u Louanna Vassallo jidher li l-prosekuzzjoni qeda tistrieh principalment fuq l-identifikazzjoni ta' Joseph Grech. Illi mill-provi forensici ma jirrizultax b'xi mod l-involviment taghhom u mill-istqarrija ta' l-imputat Matthew Vassallo u stess jghid li ma kienux involuti fil-glieda. Illi fl-istess atti jinstabu stqarrijiet ta' Lucas Vassallo u Louanna Vassallo kif ukoll li l-istess imputati ghazlu kollha li jixhdu. Illi t-tlieta li huma jinnegaw li qatt kienu involuti jew sahansitra prezenti ghal dan il-incident.

Illi l-Qorti tara li minkejja li kien hemm it-trapass ta' zmien bejn l-istqarrijiet ta' uhud minnhom u x-xhieda fl-awla xorta kien hemm konsistenza fil-verzjonijiet taghhom u spjegazzjonijiet li taw.

Il-Qorti tqis li ghar-rigward dawn il-imputati ma hemmx provi sufficjenti sal-grad rikjest mill-ligi sabiex b'xi mod jindika u jaghti serhan tal-mohh li kellhom x'jaqsmu ma l-incident dak il-lejl.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati Louanna Vasallo, Luca Vassallo u Josephine Lia u ghandhom jigu liberati minn kull htija u piena.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva u l-ksur tal-kundizzjoniet tal-helsien mill-arrest ta' l-imputat Matthew Vassallo**

Il-prosekuzzjoni esebit digriet bil-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest moghtija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D nhar it-28 ta' Ottubru 2013.[70] Illi fost kundizzjonijiet imsemmija hemm li l-imputat Matthew Vassallo rrid jirinkaza d-dar mhux aktar mid-9.00pm ta' filghaxija. Illi mill-provi kif prodotti jirrizulta li l-imputat kien barra wara l-hin impost fuqu u ghaldaqstant il-Qorti tqis li s-sitt imputazzjoni huwa ppruvat. Illi mill-istess kundizzjonijiet jirrizulta li s-somma ffissata mill-Qorti hija ta' hames mitt Euro filwaqt li l-garanzija personali hija ta' ghaxart elef Euro.

**L-addebitu tar-recidiva**

Il-prosekuzzjoni esebit sentenza[71] in sostenn ta' l-addebitu tar-recidiva taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Illi s-sentenza esebita tikkonferna reati ta' serq fost akkuzi ohrajn fejn kien instab hati ta' diversi akkuzi u gie ikkundannat tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Illi fir-rigward din is-sentenza l- Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali.

[70] Dok RV12, Folio 90 ta' l-atti processwali
[71] Dok SCT1, Folio 487-503 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant mill istess verbali tas-seduti ma jirrizultax li kien hemm ezenzjoni ta' l-ufficjal prosekutur sabiex jikkonfermaw din is-sentenza. Ma dan kollu l-Qorti xorta tqis is-sentenza in kwistjoni bhala valida in vista tal-fatt li l-konotati jaqblu ma dawk ta' l-imputat.

Illi l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk, l-addebitu tar-recidiva japplika jekk wara kundanna, il-malvivent jaghmel atti kriminali li jikkostitwixxu reat. F'dan il-kaz, l-atti kriminali li bihom gie mixli l-imputat f'din il-kawza huma precedenti ghall-kundanna tas-sentenza ts-16 ta' Settembru 2010. Konsegwentement, l-addebitu tar-recidiva jista jinghad li jirrizulta a bazi ta' din is-sentenza.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li permezz ta' din is-sentenza l-imputat jista jigi kkunsidrat recidiv.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[72] Matthew Vassallo, li tindika tendenzi refrattarji stante li hemm diversi sentenzi registrati kontrih. Jidher ukoll li kien diga instab hati ta' reati volontarji kontra l-persuna fil-passat.

- L-imputat Matthew Vassallo huwa recidiva skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant din il-Qorti tista meta taghti piena izid l-istess piena bi grad wiehed.

- L-imputat qatt ma wera rimors ta' ghemil u ghar-rigward ir-reati imwettaq minnu.

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tal-fatt li l-imputat huwa recediv u c-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

[72] Folio 3-5 ta' l-atti processwali

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 7(2), 17, 18, 31, 49, 50, 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 338(dd), 339(1)(e), 533, 579(1)(2)(3)(4) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil Josephine Lia, Lucas Vassallo u Louana Vassallo **mhux hatja** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom u tilliberahom minn kull htija u piena filwaqt li ssib lil Matthew Vassallo **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sitt snin li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Kif ukoll wara li rat l-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali il-Qorti qeda tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lill-imputat Matthew Vassallo u tordna l-arrest mill-gdid skont l-artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali u tordna li l-ammont ta' hamest elef Euro (€5,000) stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Matthew Vassallo ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma ta' tlett elef, mitejn u disa' u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmi (**€3,229.25**) rapprezentanti spejjez

tar-rapport ta' l-espert Dr. Martin Bajada fl-ammont ta' €862.93[73] u Dr. Marisa Cassar fl-ammont ta' €2336.40[74] u Dr. Mario Scerri fl-ammont €29.92.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moghtija illum nhar it-3 ta' Ottubru 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**

---

[73] Folio 200 ta' l-atti processwali

[74] Folio 346 ta' l-atti processwali